2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001, flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001, peress li l-aċċess għall-informazzjoni mitluba ġie rrifjutat, minkejja li l-kundizzjonijiet għall-iżvelar kienu ntlaħqu

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ġenerali, taħt l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1049/2001, li jitwettaq eżami ta' kull dokument individwali

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament 1049/2001, peress li r-rifjut li jingħata aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba ma kienx ġustifikat

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kif meħtieġ mill-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament 1049/2001, peress li l-Parlament naqas milli jirrispondi għall-argumenti kollha tar-rikorrenti

(1) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

(2) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal- Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

---

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2015 – Karanikas vs Il-Parlament

**(Kawża T-646/15)**

(2016/C 048/68)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Harry Karanikas (Chalandri, il-Greċja) (rappreżentant: N. Pirc Musar, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni A(2015)8594 C tal-Parlament Ewropew, tal-14 ta' Settembru 2015 li tiċħad it-talba konfermatorja tar-rikorrent għal aċċess għal ċerti dokumenti relatati ma' informazzjoni dwar spejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji tal-għajxien, benefiċċji għall-infiq ġenerali u spejjeż tal-arranġamenti tal-persunal ta' Membri tal-Parlament Ewropew;

— tordna lill-Parlament iħallas l-ispejjeż tar-rikorrent skont l-Artikoli 134 u 140 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' eventwali intervenjenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 [1] flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001 [2], peress li d-data ta' natura personali mitluba ma hijiex protetta taħt id-dritt Komunitarju

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001, peress li l-aċċess għall-informazzjoni mitluba ġie rrifjutat, minkejja li l-kundizzjonijiet għall-iżvelar kienu ntlaħqu

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ġenerali, taħt l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1049/2001, li jitwettaq eżami fuq kull dokument individwali

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament 1049/2001, peress li r-rifjut li jingħata aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba ma kienx ġustifikat

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kif meħtieġ mill-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament 1049/2001, peress li l-Parlament naqas milli jirrispondi għall-argumenti kollha tar-rikorrent

(1) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).
(2) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal- Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 026, p. 102).

---

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2015 – Boros vs Il-Parlament

## (Kawża T-647/15)

(2016/C 048/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Crina Boros (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: N. Pirc Musar, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni A(2015)8554 C tal-Parlament Ewropew, tas-16 ta' Settembru 2015 li tiċħad it-talba konfermatorja tar-rikorrenti għal aċċess għal ċerti dokumenti relatati ma' informazzjoni dwar spejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji tal-għajxien, benefiċċji għall-infiq ġenerali u spejjeż tal-arranġamenti tal-persunal ta' Membri tal-Parlament Ewropew;

— tordna lill-Parlament iħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti skont l-Artikoli 134 u 140 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' eventwali intervenjenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 [1] flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001 [2], peress li d-data ta' natura personali mitluba ma hijiex protetta taħt id-dritt Komunitarju